

Brussell, 28 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13976/22

INST 390
POLGEN 140
AG 130

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Programmazzjoni leġiżlattiva - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Introduzzjoni

1. Fl-2016, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jsaħħu l-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-Unjoni permezz tal-ftehim interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet¹ (il-paragrafi 4 sa 11 tal-ftehim). Fl-2016 ukoll, il-Kunsill approva l-arranġamenti prattiċi tiegħu dwar il-programmazzjoni annwali².
2. Kemm il-programmazzjoni pluriennali kif ukoll il-programmi annwali suċċessivi għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li t-tliet istituzzjonijiet, li kull waħda minnhom taġixxi skont is-setgħat u l-prerogattivi tagħha stess, jaħdmu flimkien b'mod effettiv. Fl-2023 u lil hinn, huwa kruċjali rispons magħqud mill-istituzzjonijiet tal-UE għall-multipliċità ta' kriżijiet li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE, mill-ġeopolitika, l-enerġija u l-ekonomija sat-tibdil fil-klima, wara l-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

² 6879/16

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023

3. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023³ jinkludi sitt ambizzjonijiet ewlenin, 43 oġettiv ta' politika ġdid, 32 sa 38 inizjattiva leġislattiva ġdida u żewġ proposti għal irtirar jew tħassir, flimkien mat-tmien inizjattivi għal simplifikazzjoni regolatorja (REFIT) u l-identifikazzjoni ta' 116-il fajl prijoritarju li għadhom għaddejjin.
4. Fit-18 ta' Novembru 2022, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) ser jisma' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-programm ta' ħidma tagħha għall-2023 u ser ikollu skambju ta' fehmiet dwaru. Id-diskussjoni ministerjali ser tkun primarjament maħsuba biex tidentifika, fid-dawl tal-oġettivi ta' politika tagħna, l-oqsma ta' politika jew it-temi u l-proposti li għandhom jiġu enfasizzati fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2023-2024 (JD 2023-2024) li fuqhom jista' jsir progress realistiku qabel it-tmiem ta' din il-leġislatura.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi

5. Il-leġislatura attwali ser tintemm matul l-ewwel semestru tal-2024, meta ser isiru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Għaldaqstant, id-Dikjarazzjoni Konġunta li jmiss ser tkopri l-bqija tal-leġislatura, kif kien il-każ fl-2018-2019.
6. Fil-passat, irriżulta li d-Dikjarazzjonijiet Konġunti kienu ta' valur billi għenu biex tiġi ssimplifikata l-kooperazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar il-proċedura leġislattiva u biex jinkisbu riżultati konkreti. Id-Dikjarazzjonijiet Konġunti huma dokumenti politiċi u ma jinvolvu l-ebda impenn legali min-naħa tal-istituzzjonijiet.
7. L-istruttura tas-soltu b'żewġ livelli tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti tinkludi:
 - a) parti ġenerali u aktar politika li tenfasizza oqsma jew temi ta' politika usa'; u
 - b) lista ta' proposti leġislattivi ewlenin soġġetti għall-proċedura leġislattiva ordinarja li jinkludu kemm inizjattivi leġislattivi ġodda kif ukoll proposti pendenti.

³ 13847/22 + ADD 1

8. Il-ftehim interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet jirreferi għall-proposti elenkati bħala li jingħataw "*trattament prijoritarju fil-proċess leġiżlattiv*." Dan fih innifsu ma jfissirx proċessi mgħaġġla u/jew l-iffissar ta' skadenzi iżda għandu jinftehem bħala sinjal tar-rieda komuni li jsir progress fil-proposti elenkati fl-2023-2024.
9. L-eżitu ta' dan l-iskambju ta' fehmiet u l-ittra⁴ mill-Preidenza tal-Kunsill lill-President tal-Kummissjoni li segwiet l-iskambju ta' fehmiet dwar il-programmazzjoni leġiżlattiva li sar fil-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tal-20 ta' Settembru 2022, ser ikunu l-bażi għall-involviment maż-żewġ istituzzjonijiet l-oħrajn. Il-Preidenza ser iżżomm lid-delegazzjonijiet infurmati matul il-proċess kollu ta' negozjati interistituzzjonali tal-JD 2023-2024.
10. Il-Preidenza ser tipproponi lill-Kunsill biex japprova, kif jirriżulta min-negozjati maż-żewġ istituzzjonijiet l-oħrajn, il-JD 2023-2024 fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022 (Affarijiet Ġenerali) sabiex din tiġi ffirmata mill-Presidenti tat-tliet istituzzjonijiet ftit wara.
11. Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-mistoqsijiet tal-Preidenza għall-iskambju ta' fehmiet.

⁴ 12841/22

Programmazzjoni leġislattiva: Skambju ta' fehmiet**Kunsill Affarijiet Ġenerali 18 ta' Novembru 2022**

Wara l-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti estensivi tagħha, li l-UE u l-Istati Membri tagħha ffaċċjaw b'azzjonijiet rapidi u deċiżivi, l-eskalazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022 ħolqot sfida oħra sinifikanti politika, ta' sigurtà, ekonomika u umanitarja. L-impenji tal-UE u tal-Istati Membri lejn l-Ukrajna ser jeħtieġu aktar sforzi u azzjonijiet koerenti. Fl-istess ħin, l-UE trid tibqa' magħquda biex tippoteġi liċ-ċittadini u lin-negozji tagħha u biex tindirizza l-impatti negattivi tal-aggressjoni tar-Russja u l-użu minnha tal-esportazzjonijiet tal-ikel u tal-enerġija bħala arma.

Għall-iskambju ta' fehmiet dwar il-programmazzjoni leġislattiva fil-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2022, il-Presidenza tixtieq tistieden lid-delegazzjonijiet biex jiffukaw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *Liema oqsma jew temi ta' politika għandhom jingħataw "trattament prijoritarju" matul it-tmintax-il xahar li ġejjin?*
- *Fil-lista ta' proposti ta' akkumpanjament għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2023, liema proposti ta' proċedura leġislattiva ordinarja (ġodda u/jew pendent) għandhom jiġu enfasizzati fil-perjodu ta' qabel tmiem il-leġislatura attwali?*
